



European Year for **Active Ageing**
and **Solidarity between Generations 2012**



Sena Ewropea għall-**Anzjanità Attiva** u **s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet**

SIR PARTI MIN-NISĠA MEDJATIKA

STEDINA U REĠISTRAZZJONI

X'inhi n-nisġa medjatika?

- In-nisġa medjatika tipprovdi li l-ġurnalisti u l-punti medjatiċi ewlenin ikunu jistgħu jikkonnettu, jgħarrfu, jaqsmu ma' u jieħdu sehem fis-Sena Ewropea għall-Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet li qegħda ssir fl-2012.
- Din se tkun ġabra komuni esklużiva ta' ġurnalisti mill-Ewropa kollha li huma interessati f'kull suġġett li għandu x'jaqsa mas-Sena Ewropea, bħal ma huma l-ekonomija u l-impjieg, is-saħħa u l-kura soċjali, il-pensjonijiet u l-volontarjat, l-edukazzjoni tal-adulti u ambjenti li jiffavorixxu l-età..

Għaliex għandek tirreġistra?

- Bħala membru tan-Nisġa Medjatika int ser tirċievi **newsletter elettronika ta' kull xahar**, li tkun esklużivament kompilata għall-membri tal-istampa. In-newsletter "Sena Ewropea 2012 - Aħbarijiet dwar l-Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet" hija riżorsa ta' informazzjoni ewlenija li żżommok mgħarraf bil-kampanja matul is-sena kollha.
- Ser tkun wieħed minn ta' **l-ewwel** li tirċievi aġġornamenti regolari fuq il-fatti, avvenimenti u azzjonijiet kemm fuq livell Ewropew kemm fuq dak nazzjonali.
- Din in-newsletter elettronika hija biċċa għodda importanti għax-xogħol tiegħek, billi int ser tkun l-ewwel wieħed li tibda **tirċievi aħbarijiet mill-Kummissjoni Ewropea** kif ukoll **stejjer li jnebbħu u eżempji ta' xi tkun l-aħjar prassi** mill-perspettiva tal-istati membri kollha li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett.
- Int ser tirċievi wkoll regolarment **stqarrijiet għall-istampa li jkunu jistgħu jiġu faċilment adattati** biex int tkun tista' tikteb stejjer dwarhom.

Min għandu jirreġistra?

- Ġurnalisti mill-Ewropa kollha li jkunu interessati fis-Sena Ewropea
- Edituri minn medja pan-Ewropej, nazzjonali, lokali u *online*

Biex tirreġistra ħalli tiffirma parti min-Nisġa Medjatika, jekk jogħġbok ikklikkja fuq il-link hawn isfel:

Dikjarazzjoni ta' Privatezza Nisġa Medjatika

L-ipproċessar tar-risposta tiegħek għall-istedina biex tiġi reġistrat fid-database ta' ġurnalisti li jkunu interessati fis-Sena Ewropea 2012 ser ikun jinvolvi d-dħul u l-ipproċessar tad-data personali tiegħek. Dak it-trattament hu bla ħsara u ser isir konformement mar- [Regolament \(KE\) Nru 45/2001](#) (ĠU L 8, 12.1.2001, pag. 1 – 22) fuq il-protezzjoni ta' individwi dwar l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u fuq il-moviment liberu ta' dik id-data. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ara d-Dikjarazzjoni ta' Privatezza sħiħa fuq is-sit.

<http://registrazzjoni.eyaa-medianetwork.eu/>

Id-dettalji persunali tiegħek ta' kuntatt ser jintużaw mill-ICWE f'isem il-Kummissjoni Ewropea / DG Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni. Tkun tista' tħassar ir-reġistrazzjoni tiegħek meta trid int.

Għal iktar informazzjoni jekk jogħġbok żur is-sit tal-EY2012 jew ikkuntattja lil:

Kuntatt għall-iStampa

Andrea Ricciarelli
ICWE GmbH
Berlin, Germany

Tel: +49 (0)30 310 18 18 43
Fax: +49 (0)30 324 98 33
Posta elettronika: andrea.ricciarelli@icwe.net
Sit tal-EY2012: <http://europa.eu/ey2012/>

Dikjarazzjoni ta' Privatezza Nisġa Medjatika

L-ipproċessar tar-risposta tiegħek għall-istedina biex tiġi reġistrat fid-*database* ta' ġurnalisti li jkunu interessati fis-Sena Ewropea 2012 ser ikun jinvolvi d-dħul u l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek. Dak it-trattament hu bla ħsara u ser isir konformement mar- [Regolament \(KE\) Nru 45/2001](#) (ĠU L 8, 12.1.2001, pag. 1 – 22) fuq il-protezzjoni ta' individwi dwar l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u fuq il-moviment liberu ta' dik id-*data*.
Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ara d-Dikjarazzjoni ta' Privatezza sħiħa fuq is-sit.